Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Jannar 2003

li tistabbilixxi l-klassijiet ta' l-imġieba tar-reazzjoni għan-nar għal ċerti prodotti għall-bini

(notifikata permezz tad-dokument numru Ċ(2002) 4807)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2003/43/KE)

(ĠU L 13, 18.1.2003, p. 35)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/593/KE tas-7 ta' Awissu 2003	L 201	25	8.8.2003
►**M2**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/673/KE tal-5 ta' Ottubru 2006	L 142M	227	5.6.2007
►**M3**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/348/KE tal-15 ta' Mejju 2007	L 131	21	23.5.2007

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Jannar 2003

li tistabbilixxi l-klassijiet ta' l-imġieba tar-reazzjoni għan-nar għal ċerti prodotti għall-bini

(notifikata permezz tad-dokument numru Ċ(2002) 4807)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2003/43/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar il-prodotti għall-bini ([1]), kif emendata bid-Direttiva 93/68/KEE ([2]), u partikolarment l-Artikolu 20(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 89/106/KEE tikkuntempla li sabiex jittieħed kont tal-livelli differenti tal-protezzjoni għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, jista' jkun meħtieġ li jkunu stabbiliti fid-dokumenti interpretattivi, klassijiet korrespondenti għall-imġieba ta' prodotti fir-rigward ta' kull ħtieġa essenzjali. Dawk id-dokumenti ġew ippubblikati bħala il-"Komunikazzjoni tal-Kommissjoni fir-rigward tad-dokumenti interpretattivi tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE ([3])".

(2) Fir-rigward tal-ħtieġa essenzjali tas-sigurtà fil-każ ta' nirien, id-dokument interpretattiv Nru 2 jelenka numru ta' miżuri inter-relatati li flimkien jiddiffenixxu l-istrateġija tas-sigurtà ta' kontra n-nirien żviluppata b'mod divers mill-Istati Membri.

(3) Id-dokument interpretattiv Nru 2 jidentifika waħda minn dawk il-miżuri bħala l-limitazzjoni tal-ġenerazzjoni u t-tixrid ta' nar u duħħan f'żona partikolari billi jkun limitat il-potenzjal ta' prodotti għall-bini li jikkontribwixxu għal żvilupp komplet ta' nar.

(4) Il-livell ta' dik il-limitazzjoni jista' jkun espress biss f'termini tal-livelli differenti ta' l-imġieba tar-reazzjoni għan-nar tal-prodotti fl-applikazzjoni aħħarija tagħhom.

(5) Bħala soluzzjoni armonizzata, sistema ta' klassijiet kienet adottata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/147/KE tat-8 ta' Frar 2000 li timplementa d-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' l-imġieba tar-reazzjoni għan-nar ta' prodotti għall-bini ([4]).

(6) Fil-każ ta' ċerti pannelli ibbażati fuq l-injam, huwa meħtieġ li tkun użata l-klassifikazzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni 2000/147/KE.

(7) L-imġieba tar-reazzjoni għan-nar ta' ħafna mill-prodotti u/jew materjali tal-bini, fi ħdan il-klassifikazzjoni prevista fid-Deċiżjoni 2000/147/KE, hija stabbilita sewwa u suffiċjentament magħrufa sewwa mar-regolaturi tan-nar fl-Istati Membri hekk li dawn ma jeħtieġu l-ebda testijiet għal dik il-karatteristika partikolari ta' l-imġieba.

([1]) ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 12.
([2]) ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 1.
([3]) ĠU C 62, tat-28.2.1994, p. 1.
([4]) ĠU L 50, tat-23.2.2000, p. 14.

▼B

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Bini,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-prodotti u/jew il-materjali għall-bini li jissodisfaw il-ħtiġiet kollha tal-karatteristika tal-imġieba "reazzjoni għan-nar" mingħajr ħtieġa ta' aktar testijiet huma elenkati fl-Anness.

Artikolu 2

Il-klassijiet speċifiċi li għandhom ikunu applikati għal prodotti u/jew materjali diversi tal-bini, fi ħdan il-klassifikazzjoni tar-reazzjoni għan-nar adottata fid-Deċiżjoni 2000/147/KE, huma elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Il-prodotti għandhom ikunu meqjusa b'relazzjoni ma l-applikazzjoni ta' l-użu aħħari tagħhom, meta relevanti.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

ANNESS

It-tabelli miġjuba f'dan l-anness jelenkaw prodotti u/jew materjali għall-bini li jissodisfaw il-ħtiġiet kollha tal-karatteristika tal-imġieba "reazzjoni għan-nar" mingħajr ħtieġa ta' testijiet.

▼M3

Tabella 1

Klassijiet għall-imġiba tar-reazzjoni għan-nar tal-pannelli b'bażi ta' l-injam

Prodott	Standard EN tal-prodott	Kondizzjoni ta' użu finali (6)	Densità minima (kg/m^3)	Ħxuna minima (mm)	Klassi (7) (bl-esklużjoni tal-kisi għall-art)	Klassi (8) (kisi għall-art)
Particleboard imwaħħla bis-siment (1)	EN 634-2	mingħajr spazju għall-arja wara l-pannell	1 000	10	B-s1, d0	B_{fl}-s1
Fibreboard, iebes (1)	EN 622-2	mingħajr spazju għall-arja wara l-pannell b'bażi ta' l-injam	900	6	D-s2, d0	D_{fl}-s1
Fibreboard, iebes (3)	EN 622-2	bi spazju magħluq għall-arja mhux aktar minn 22 mm wara l-pannell b'bażi ta' l-injam	900	6	D-s2, d2	—
Particle-board (1), (2), (5)	EN 312	mingħajr spazju għall-arja wara l-pannell b'bażi ta' l-injam	600	9	D-s2, d0	D_{fl}-s1
Fibreboard, iebes u medju (1), (2), (5)	EN 622-2 EN 622-3					
MDF (1), (2), (5)	EN 622-5					
OSB (1), (2), (5)	EN 300					
Plywood (1), (2), (5)	EN 636	-"-	400	9	D-s2, d0	D_{fl}-s1
Pannell b'injam mastizz (1), (2), (5)	EN 13353			12		
Flax-board (1), (2), (5)	EN 15197	-"-	450	15	D-s2, d0	D_{fl}-s1
Particle-board (3), (5)	EN 312	bi spazju magħluq jew miftuħ għall-arja mhux aktar minn 22 mm wara l-pannell b'bażi ta' l-injam	600	9	D-s2, d2	—
Fibreboard, iebes u medju (3), (5)	EN 622-2 EN 622-3					
MDF (3), (5)	EN 622-5					
OSB (3), (5)	EN 300					
Plywood (3), (5)	EN 636	-"-	400	9	D-s2, d2	—
Pannell b'injam mastizz (3), (5)	EN 13353			12		
Particle-board (4), (5)	EN 312	bi spazju magħluq għall-arja wara l-pannell b'bażi ta' l-injam	600	15	D-s2, d0	D_{fl}-s1
Fibreboard, medju (4), (5)	EN 622-3					
MDF (4), (5)	EN 622-5					
OSB (4), (5)	EN 300					

▼M3

Prodott	Standard EN tal-prodott	Kondizzjoni ta' użu finali ([6])	Densità minima (kg/m^3)	Ħxuna minima (mm)	Klassi ([7]) (bl-esklużjoni tal-kisi għall-art)	Klassi ([8]) (kisi għall-art)
Plywood ([4]), ([5])	EN 636	-"-	400	15	D-s2, d1	D_{fl}-s1
Pannell b'injam mastizz ([4]), ([5])	EN 13353				D-s2, d0	
Flaxboard ([4]), ([5])	EN 15197	-"-	450	15	D-s2, d0	D_{fl}-s1
Particle-board ([4]), ([5])	EN 312	pannell b'bażi ta' l-injam	600	18	D-s2, d0	D_{fl}-s1
Fibreboard, medju ([4]), ([5])	EN 622-3					
MDF ([4]), ([5])	EN 622-5					
OSB ([4]), ([5])	EN 300					
Plywood ([4]), ([5])	EN 636	-"-	400	18	D-s2, d0	D_{fl}-s1
Pannell b'injam mastizz ([4]), ([5])	EN 13353					
Flaxboard ([4]), ([5])	EN 15197	-"-	450	18	D-s2, d0	D_{fl}-s1
Particleboard ([5])	EN 312	ikun xi jkun	600	3	E	E_{fl}
OSB ([5])	EN 300					
MDF ([5])	EN 622-5	-"-	400	3	E	E_{fl}
			250	9	E	E_{fl}
Plywood ([5])	EN 636	-"-	400	3	E	E_{fl}
Fibreboard, iebes ([5])	EN 622-2	-"-	900	3	E	E_{fl}
Fibreboard, medju ([5])	EN 622-3	-"-	400	9	E	E_{fl}
Fibreboard, artab	EN 622-4	-"-	250	9	E	E_{fl}

([1]) Immontat mingħajr spazju għall-arja direttament ma' prodotti d0 ta' klassi A1 jew A2-s1, b'densità minima ta' 10 kg/m^3 jew ta' l-anqas ta' prodotti d2 ta' klassi D-s2 b'densità minima ta' 400 kg/m^3.

([2]) Substratt ta' materjal ta' iżolazzjoni mis-sħana taċ-ċelluloża ta' l-anqas ta' klassi E jista' jiġi inkluż jekk immontat direttament mal-pannell b'bażi ta' l-injam, iżda mhux għall-kisi ta' l-art.

([3]) Immontat bi spazju għall-arja warajh. Il-faċċata ta' wara tal-kavità għandha tikkonsisti ta' l-inqas minn prodotti d0 ta' klassi A2-s1, b'densità minima ta' 10 kg/m^3.

([4]) Immontat bi spazju għall-arja warajh. Il-faċċata ta' wara tal-kavità għandha tikkonsisti ta' l-anqas minn prodotti d2 ta' klassi D-s2, b'densità minima ta' 400 kg/m^3.

([5]) Pannelli miksija bil-fuljetti, bil-wiċċ tal-fenol u tal-melamine huma inklużi għall-klassi bl-esklużjoni tal-kisi għall-art.

([6]) Ilqugħ għall-fwar bi ħxuna sa 0.4 mm u massa sa 200 g/m^2 tista' tiġi mmontata bejn il-pannell b'bażi ta' injam u substratt jekk m'hemmx spazji għall-arja bejniethom.

([7]) Il-klassi kif prevista fit-Tabella 1 ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 2000/147/EC.

([8]) Il-klassi kif prevista fit-Tabella 2 ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 2000/147/EC.

▼M2

Tabella 2

Klassijiet ta' prestazzjoni tar-reazzjoni għan-nar ta' twavel tal-ġipsum

Tavla tal-ġipsum	Ħxuna nominali tat-tavla (mm)	Qalba tal-ġipsum		Kontenut ta' karti ([1]) (g/m^2)	Sottostrat	Klassi ([2]) (bl-esklużjoni tal-kisi għall-art)
		Densità (kg/m^3)	Klassi ta' reazzjoni għan-nar			
Konformi ma' l-EN 520 (minbarra twavel bit-toqob)	≥ 6,5 < 9,5	≥ 800	A1	≤ 220	Kwalunkwe prodott ibbażat fuq l-injam b'densità ta' ≥ 400 kg/m^3 jew kwalunkwe prodott għall-inqas tal-klassi A2-s1, d0	A2-s1, d0
				> 220 ≤ 320		B-s1, d0
	≥ 9,5	≥ 600		≤ 220	Kwalunkwe prodott ibbażat fuq l-injam b'densità ta' ≥ 400 kg/m^3 jew kwalunkwe prodott għall-inqas tal-klassi A2-s1, d0 jew kwalunkwe prodott ta' insulazzjoni ta' għall-inqas il-klassi E-d2 immuntat skond il-metodu 1	A2-s1, d0
				> 220 ≤ 320		B-s1, d0

([1]) Determinat skond l-EN ISO 536 u b'mhux aktar minn kontenut ta' 5 % additiv organiku.
([2]) Klassijiet kif previsti fit-Tabella 1 ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 2000/147/EC.

Nota: **Immuntar u twaħħil**

It-twavel tal-ġipsum għandhom jiġu mmuntati u jitwaħħlu permezz ta' wieħed mit-tliet metodi li ġejjin:

Metodu 1 – Imwaħħla mekkanikament ma' sottostruttura ta' sostenn

It-twavel tal-ġipsum, jew (fil-każ ta' sistemi b'diversi saffi) għall-inqas is-saff tal wiċċ tat-twavel, għandu jitwaħħal mekkanikament ma' sottostruttura tal-metall (magħmula minn komponenti ddettaljati f'EN 14195) jew sottostruttura ta' l-injam (skond l-EN 336 u l-EN 1995-1-1).

Meta s-sottostruttura jkollha traversi ta' sostenn f'direzzjoni waħda biss, id-distanza massima bejn it-traversi ta' sostenn m'għandhiex tkun aktar minn 50 darba l-ħxuna tat-twavel tal-ġipsum.

Meta s-sottostruttura tipprovdi traversi ta' sostenn f'żewġ direzzjonijiet, id-distanza massima fi kwalunkwe direzzjoni m'għandhiex tkun ta' aktar minn 100 darba l-ħxuna tat-twavel tal-ġipsum.

L-ingasti mekkaniċi għandhom ikunu viti, stejpils jew imsiemer li għandhom jitwaħħlu billi jgħaddu mill-ħxuna tat-twavel tal-ġipsum għal ġewwa s-sottostruttura f'ċentri ta' mhux aktar minn 300 mm mkejla għat-tul ta' kull waħda mit-traversi ta' appoġġ.

Wara t-twavel tal-ġipsum jista' jkun hemm spazju ta' arja, jew prodott ta' insulazzjoni. Is-sottostrat jista' jkun:

a) kwalunkwe prodott ibbażat fuq l-injam b'densità ta' ≥ 400 kg/m^3 jew kwalunkwe prodott ta' għall-inqas il-klassi A2-s1, d0 fil-każ ta' twavel tal-ġipsum ta' ≥ 6.5 mm u < 9,5 mm ħxuna nominali u ≥ 800 kg/m^3 densità fil-qalba, jew

b) kwalunkwe prodott ibbażat fuq l-injam b'densità ta' ≥ 400 kg/m^3 jew kwalunkwe prodott ta' għall-inqas il-klassi A2-s1, d0 fil-każ ta' twavel tal-ġipsum ta' ≥ 9,5 mm ħxuna nominali u ≥ 600 kg/m^3 densità fil-qalba, jew

ċ) kwalunkwe materjal ta' insulazzjoni li jkun għall-inqas tal-klassi E-d2 fil-każ ta' twavel tal-ġipsum ta' ≥ 9,5 mm ħxuna nominali u ≥ 600 kg/m^3 densità fil-qalba.

Kull ġonta bejn twavel tal-ġipsum ma' ġenb xulxin għandu jkollha vojt ta' ≤ 4 mm wisgħa. Din id-dispożizzjoni tapplika għal kwalunkwe ġonta indipendentement minn jekk il-ġonta tkunx sostnuta direttament minn traversa ta' sostenn

▼M2

fis-sottostruttura u indipendentement minn jekk il-ġonta tkunx mimlija b'materjali li jġonġu.

Fil-każijiet a) u b) kull ġonta bejn twavel tal-ġipsum ma' ġenb xulxin, li ma tkunx sostnuta direttament minn traversa ta' sostenn fis-sottostruttura u li għandha vojt ta' > 1 mm wisgħa, għandha timtela kompletament b'materjal li jġonġi kif speċifikat fl-EN 13963 (il-ġonot l-oħra jistgħu ma jimtlewx).

Fil-każ c) il-ġonot kollha bejn it-twavel ma' ġenb xulxin għandhom jimtlew kompletament b'materjal li jġonġi kif speċifikat fl-EN 13963.

Metodu 2 – Imwaħħla mekkanikament ma' sottostrat solidu bbażat fuq l-injam

It-twavel tal-ġipsum għandhom jitwaħħlu mekkanikament ma' sottostrat solidu bbażat fuq l-injam b'densità ta' ≥ 400 kg/m^3.

M'għandu jkun hemm l-ebda kavità bejn it-twavel tal-ġipsum u s-sottostrat.

L-ingasti mekkaniċi għandhom ikunu viti, stejpils u msiemer. Id-distanza bejn l-ingasti mekkaniċi għandu jikkorrispondi mar-regoli mogħtija hawn fuq għall-metodu 1.

Kull ġonta bejn twavel tal-ġipsum ma' ġenb xulxin għandu jkollha vojt ta' ≤ 4 mm wisgħa u tista' ma timteliex.

Metodu 3 – Imwaħħla jew inkullati mekkanikament ma' sottostrat solidu (sistema "dry lining")

It-twavel tal-ġipsum għandhom jitwaħħlu direttament ma' sottostrat solidu bi klassifika tar-reazzjoni għan-nar li hi għall-inqas tal-klassi A2-s1, d0.

It-twavel tal-ġipsum jistgħu jitwaħħlu permezz ta' viti jew imsiemer li jgħaddu mill-ħxuna tat-twavel għall-ġewwa s-sottostrat solidu jew jistgħu jiġu inkullati mas-sottostrat permezz ta' "*dabs*" ta' kolla ibbażat fuq il-ġipsum kif speċifikat fl-EN 14496.

Fi kwalunkwe każ il-viti jew l-imsiemer jew id-"*dabs*" għat-twaħħil għandhom jitqiegħdu f'ċentri weqfin jew mimdudin b'massimu ta' 600mm.

Il-ġonot kollha bejn it-twavel tal-ġipsum jistgħu ma jimtlewx.

▼M1

Tabella 3

Klassijiet ta' l-imġieba tar-reazzjoni għan-nar ta'pannelli laminati dekorattivi ta'pressjoni għolja

Pannelli laminati dekorattivi ta'pressjoni għolja (1)	Dettalji tal-prodott	Densità minima (kg/m3)	L-inqas ħxuna totali (mm)	Klassi (2) (ħlief għall-qiegħa ta' l-art)
Grad tal-parti ta'ġewwa mhux FR ta'Pannelli Kumpatti HPL (3)	HPL kumpatt skond EN 438-4 tip CGS	1 350	6	D-s2, d0
Grad tal-parti ta'ġewwa mhux FR ta' pannelli komposti HPL b'sustrati b'bażi ta'l-injam (3)	Panweijiet komposti b'HPR ta'grad mhux FR skond il-ħtigijiet t'EN 438-3, inkollati maż-żewg naħat tal-parti ċentrali bbażat fuq l-injam ggradat mhux FR b'ħxuna minima ta'12mm skond EN 13986, bl-użu ta PVAc jew materjal li jwaħħal u li huwa thermosetting b'rata t'applikazzjoni ta'60 sa 120 g/m2	Parti ċentrali bbażat fuq l-injam densità minima 600 HPL densità minima 1 350	12 mm parti ċentrali bbażat fuq l-injam b'HPL = 0,5 mm marbutin maż-zewġ naħat	D-s2, d0

(1) Jew iffissati direttament (jiġifieri mingħajr spazju bl-arja) ma'materjal b'reazzjoni għan-nar ta'A2-s1, d0 jew aħjar u densità ta'mhux anqas minn 600kg/m3, jew immuntat fuq tavla tal-metal (qafas ta'l-irfid) b'spazju t'arja mhux ventilata (jiġifieri l-ispazju miftuħ fuq biss) ta'mhux anqas minn 30 mm, il-faċċata opposta tal-kavità ffurmata b'tali mod illi jkollha reazzjoni għan-nar ta A2-s1, d0 jew aħjar.

(2) Klassijiet skond Tabella 1 ta'l-Anness tad-Deċizjoni 2000/147/KE.

(3) Skond l-Istandard Ewropew EN 438-7.

▼M1

Tabella 4

Klassijiet ta' l-imġieba tar-reazzjoni għan-nar ta'prodotti strutturali ta'l-injam ([1])

	Dettalji tal-prodott	Densità medja minima ([3]) (kg/m^3)	Ħxuna minima totali (mm)	Klassi ([2]) (ħlief għall-qiegħa ta' l-art)
Prodotti strutturali ta'l-injam	Prodotti strutturali ta'l-injam iggradati bil-magna u viżwalment b'cross-section rettangolari iffurmat bis-serrar, ċanar jew metodi oħra jew b'cross-sections tondi.	350	22	D-s2, d0

([1]) Japplika għall-ispeċi kollha skond l-istandard tal-prodotti
([2]) Il-klassijiet huma previsti f'Tabella 1 ta'l-Anness tad-Deċizjoni 2000/147/KE
([3]) Kunsizzjonata skond EN 13238.